MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2005

Numru. 360/2005

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)
vs
Maraya Attard

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata fuq imsemmija Maraya Attard, detentrici tal-karta ta' l-identita numru 65087 (M), li permezz taghhom hija giet akkuzata talli nhar l-4 ta' Jannar 2005 bejn is-7.30 p.m. u 9.00 p.m. minn gewwa il-fond maghruf bhala 'Civic School' Triq Antonio Bosio Kappara ikkomettiet serq ta' mobile phone tal-ghamla Nokia ghad-dannu ta' Karen Schembri minn Marsaskala; liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-persuna ai termini tal-Artikoli 261, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar tali bejn l-4 ta' Jannar 2005 u il-25 ta' April, 2005 xjentement laqghet ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa,

mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement indahlet b'kull mod sabiex tbieghhom, jew tmexxihom u dan ai terminu tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar it-8 ta' Jannar 2005 fil-gzejjer ta' Malta ghamlet uzu minn infrastruttura jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provdut jew naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu mill-provditur awtorizzat ghall-uzu sew ta' l-infrastruttura tat-telekomunikazzjonijiet jew tghamir jew ghamlet uzu minnu mhux sewwa u dan bi ksur tal-Artikolu 39 (d) Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputata fuq imsemmija twiegeb li ma ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputata, debitament assistita, volontarjament tirregistra ammissjoni ghall-ewwel u t-tieni akkuzi u dana meta kienu qed isirulha l-mistoqsijiet skond l-Artikolu 370(4), 390 (1) u 392 tal-Kodici Kriminali fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2005;

Ghalhekk l-imputata ma ammettietx it-tielet akkuza, izda l-Qorti rat l-istqarrija illi l-imputata irrilaxxjat lill-pulizija, fejn hija ammettiet ukoll din it-tielet akkuza. Precizament hija qalet illi kienet baghatet l-SMS lil xi hadd jisimha Karina, izda lil din il-Karina ma kienitx tafha. Mistoqsija xi kliem kienet baghtet f'dan l-SMS qalet li ma tiftakarx. Wara li inqralha l-kliem tal-SMS mibghut lil Karina hija qalet illi jista jkun li dan il-messagg baghtietu hi. Mistoqsija ghaliex ghamlet dan kollu qalet "Ma nafx, nahseb bluha".

Il-Qorti ghalhekk tara li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputata u ghalhekk qeghda tiddikjara lill-istess imputata <u>hatja</u> ta' dawn l-akkuzi kollha, wara li l-Qorti rat l-Artikoli 261, 268, 270 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 39 tal-Kap. 399. Fir-rigward tat-

tieni akkuza, dik ta’ ricettazzjoni, una volta li gie ippruvat is-serq dan ir-reat jeskludi ir-reat ta’ ricettazzjoni.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-imputata ammettiet mill-ewwel u b’hekk evitat li tghaddi kumpilazzjoni, ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputata mill-ewwel ikkoperat bis-shih mieghu matul l-investigazzjoni, taghtu mal-ewwel il-mobile phone li kienet serqet flimkien ukoll mal-hames liri spejjez tas-SIM card li baghtiet id-derubata u dan kollu gie moghti mill-pulizija lid-derubata. Il-Qorti rat ukoll illi l-imputata ghandha fedina penali netta u ghalhekk tara li ma jkunx ghaqli illi l-imputata tinghata piena karcerarja, u jkun ferm aktar ghaqli kemm ghaliha, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali, illi l-imputata tinghata l-ahhar opportunita sabiex tirriforma hajjitha u taqbad it-triq it-tajba. Ghalhekk, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberaha tobbligaha li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bi kliem car bir-responsabbilta taghha skond il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu imsemmi tat-tmintax -il xahar mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------